Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10465 — Adecco/AKKA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 472/11)

1. Fis-16 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Adecco Group AG ("Adecco", l-Isvizzera),

— AKKA Technologies SE ("AKKA", il-Belġju).

Adecco takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' AKKA kollha kemm hi. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Adecco: il-provvista ta' soluzzjonijiet ta' kapital uman inkluż kollokament flessibbli, kollokament permanenti, tranżizzjoni tal-karriera, esternalizzazzjoni tar-riżorsi umani, konsulenza, taħriġ, u servizzi oħra tar-riżorsi umani fuq bażi globali. Permezz tas-sussidjarja tagħha Modis, Adecco hija attiva wkoll fil-forniment ta' servizzi tal-IT u tal-inġinerija diġitali,

— AKKA: forniment ta' servizzi ta' konsulenza dwar l-inġinerija u r-riċerka u l-iżvilupp. AKKA twettaq l-attivitajiet tagħha prinċipalment fiż-ŻEE, madankollu kienet qed tespandi fuq bażi globali, b'mod partikolari fl-Amerka ta' Fuq.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10465 — Adecco/AKKA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.